MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 147/2013

**Paul Tonna Son of Santu Limited (C 11813)**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited (C 28232)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Mejju 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ hdax-il elf u tmien ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,008.86), rapprezentanti l-prezz ta’ hgieg lilu mibjugh u konsenjat mis-socjeta’ mittenti, skont ma jirrizulta ahjar mill-istatement of account li qed jigi anness (Dokument A).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ kull konsenja tal-prodotti relattivi, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta’ Jannar 2013, debitament

notifikata, u li ghaliha s-socjeta' intimata pprezentat risposta (Dokument B).

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Dolphin Industrial Services Limited li giet ipprezentata fil-15 ta' Lulju, 2013 fejn eccepiet:

*1. "Illi t-talbiet ta' l-azzjoni attrici mhumiex misthoqqa peress li l-materjal li gie kkonsenjat ma kienx ta' dik il-kwalita' pattwita;*
*2. Minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*
*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Paul Tonna** xehed fil-11 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici. Mistoqsi jghid x'inhu d-debitu tas-socjeta' konvenuta fil-konfront taghhom, wara li ra l-process, qal li l-ammont dovut mis-socjeta' attrici huwa ta' €1,108.86 u qal li dawn huma dovuti lilhom rapprezentanti ghall-konsenja ta' hgieg. Dawn gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta f'diversi dati kif relatati fl-istatement u fl-invoices esebiti fl-atti a fol 2. Effettivament is-socjeta' konvenuta dejjem accettat il-konsenji li ghamlulhom. L-ammont dovut fl-intier tieghu kien ferm akbar, pero' s-socjeta' konvenuta diga' ghamlet numru ta' pagamenti. Fil-fatt kellhom diversi nkontri mal-avukati rispettivi taghhom, kien talbu sabiex jaghtih cans biex ikun jista' jhallas il-pagament dovut. Pero' dan qatt ma wasal minkejja li cempillu diversi drabi. Stqarr li darba minnhom huwa kien qallu li x-xoghol kien difettus, kien talbu biex imur jarah pero' ma tahx widen. Huwa stqarr li din il-kwistjoni inqalet wara li kien baghatlu l-istatement u wara li kien diga' ghamel diversi pagamenti wkoll. Minn dakinhar l'hawn ma sema xejn aktar minn ghandu. Fil-fatt meta kienu tkellmu mal-avukat, dwar li dan ix-xoghol ma kienx ta' kwalita' qatt ma gie msemmi lanqas.

Rat illi Dr Maria Cardona permezz ta' nota pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Jannar 2014 irrinunzjat ghall-patrocinju tas-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2014 is-socjeta' konvenuta ma dehritx u ma deher hadd fl-interess taghha.

Rat illi ghalhekk minkejja l-eccezzjoni taghha illi l-materjal konsenjat mis-socjeta' attrici ma kienx skont il-kwalita' pattwita, hija naqset li tressaq provi sabiex tissostanzja tali eccezzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda provi fuq il-mertu sabiex tikkontradixxi dak li sostna l-attur fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Dicembru 2013.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba attrici timmerita li tigi kkonfermata.

**Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba minnha fir-rikors promotur u cioe' s-somma ta' hdax-il elf u tmien ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,008.86).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull konsenja, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2013 a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------